# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Frar 2019

Merħba! Il-Papa jistieden lil bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:
**Biex il-vittmi ta' traffikar, prostituzzjoni sfurzata u vjolenza jsibu min jilqagħhom b'qalb ġeneruża.**

**Ninġabar:**

Insib post komdu. Ninġabar u nidħol bil-mod fil-preżenza t'Alla u nirringrazzjah tal-libertà tiegħi u tal-possibiltà li għandi li nista' nagħżel li ngħix ħajti kif irrid.

**Fatt ċkejken:**



Fl-2006, Vannk Prum li hu mill-Kambodja, wasal Malai, belt fil-Majjistral tal-Kambodja mal-fruntiera tat-Tajlandja, fejn kienu wegħduh ix-xogħol. Hu kien vittma ta' ingann u ta' xogħol sfurzat u dam erba' snin biex reġa' ra 'l-familja tiegħu. Il-mara ta' Prum kienet tqila u hu ħalliha warajh bil-ħsieb li jerġa' jiġi lura wara ftit xhur, bi flus biżżejjed biex ikun jista' jgħajjex il-familja tiegħu li kienet dejjem qed tiżdied. Minflok sab ruħu jaħdem bħala skjav fuq skuna tas-sajd Tajlandiża, fejn sofra t-tortura, il-ġuħ u saħansitra kien taħt theddida tal-mewt il-ħin kollu. Wara tliet snin, Prum irnexxielu jaħrab. Wara li qatta' l-lejl fil-foresta, hu qabad it-triq għall-għassa tal-pulizija. Minflok ma għenuh, l-uffiċjali ċemplu lil xi ħadd u ma damx wisq ma waslet karozza ħamra għalih. Prum ra lix-xufier jagħti l-flus lill-uffiċjali. Kienu biegħuh biex jaħdem fi plantazzjoni taż-żejt tal-palm. Darba bil-lejl qamet ġlieda. Hu pprova jferred lil dawk li kienu qed jiġġieldu u jgħin lil ħabibu, iżda korra għax laqtuh f'għonqu b'sikkina. Ħaduh l-isptar biex idewwulu l-feriti li kellu. Mill-isptar ħaduh quddiem imħallef u għaddewh ġuri. Hu ngħata sentenza ta' ħabs għal tliet xhur fuq akkuża li kien immigrant illegali, però ħareġ mill-ħabs wara seba' xhur. Fl-aħħar, f'Mejju tas-sena 2010, wara erba' snin Prum irnexxielu jmur id-dar tiegħu fil-Kambodja. Meta reġa lura pajjiżu, iddeċieda li kellu jħaddan il-missjoni li jeduka lin-nies tal-Kambodja dwar il-periklu tat-traffikar tal-persuni.

**Naħseb ftit:**

X'inhi l-attitudni tiegħi dwar in-nies li waqqgħu vittmi tat-traffikar tal-persuni, prostituzzjoni jew vjolenza? Aħna ngħinuhom jaħarbu l-passat tagħhom u noffrulhom sapport, jew nieħdu vantaġġ mis-sitwazzjoni tagħhom biex ingawdu aħna stess?

**Nitlob:**

Mulej nitolbok sabiex tagħtini l-għajnuna ħalli niftaħ qalbi biex nisma', biex nara u ngħin lill-persuni li kontra r-rieda tagħhom, kellhom jgħaddu minn esperjenzi li jbaxxu l-umanità tal-persuna.

**Kliem ta' dawl:**

It-traffikar tal-persuni huwa ferita miftuħa fil-ġisem tas-soċjetà kontemporanja, pjaga fuq il-ġisem ta' Kristu. Huwa delitt kontra l-umanità. *Papa Franġisku*

**X'nista' nagħmel:**

Nisfida lili nnifsi biex bl-ebda mod, direttament jew indirettament, ma nieħu vantaġġ fuq nies li huma f'sitwazzjoni ddisprata u biex nirraporta kull abbuż bħal xogħol sfurzat, prostituzzjoni sfurzata u vjolenza lill-awtoritajiet kompetenti.